# BĦAL BNIEDEM IBLAH....

*Bħal bniedem iblah jiena ħżimt ġenbejja u ħriġt infittex*
*l-hena;*

*Ħabbatt ħafna bibien imma ħadd ma fetaħli; Baudelaire*
*bexxaq*
*kemm-kemm il-bieb imma f'idi flok ħobż tani ġebla;*

*U tlajt 'il fuq u rżaħt bil-lejl fuq il-fjords tan-Norveġja;*
*imma s-silġ għattieni u qabel inżilt jien rajt il-Nora tibki;*

*U mraħt 'l hawn u 'l hemm mal-witat tar-Russja imma f'dawk*
*il-wesgħat intlift;*

*Għaddew minn fuqi ħafna dbejjeb imġewħa u bi qrunhom*
*benġluli ġismi*
*imma Maxa miskina ħaslitli ġriħieti u dewwithomli qajl*
*qajl;*

*U jiena għannaqtha u bistha lil Maxa fuq għajnejha w fuq*
*xuftejha*
*u ħallejtha waħedha taħt il-kwiekeb f'dawk il-wesgħat*
*tar-Russja*

*U mbenġel u għajjien jiena rġajt lura sieket u imbikkem għax*
*dort id-dinja kollha u l-hena ma sibthiex;*

*Qaluli li kienet f'dari moħbija fi ħbub għajnejn uliedi; qalu*
*wkoll li rawha fuq ix-xefaq tissiefaħ fi nżul ix-xemx;*

*U bħal wieħed miġnun jien erġajt ħrigt mill-ġdid infittex*
*l-hena u lmaħtha ma' Kristu għaddejja fuq il-mewġ ma'*
*Miġnun ieħor.*

**ANTON CALLEJA**